

- 6) Iż-żewġ talbiet imsemmija [fid-domanda précédent] jikkostiwixxu każ ta' responsabbiltà delittwali? Fil-każ ta' risposta affermattiva, dawn it-talbiet jista' jkollhom effett fuq l-applikabbiltà għal dan il-każ tar-Regolament (KE) Nru 44/2001 (Artikolu 5(3)) jew tar-Regolament (KE) Nru 2/2006 dwar il-ġurisdizzjoni?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado Contencioso-Administrativo de Madrid (Spanja) fit-8 ta' Awwissu 2016 – Francisco Rodrigo Sanz vs Universidad Politécnica de Madrid**

(Kawża C-443/16)

(2016/C 410/04)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado Contencioso-Administrativo de Madrid

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Francisco Rodrigo Sanz

Konvenuta: Universidad Politécnica de Madrid

**Domandi preliminari**

- 1) Il-klawżola 4 tal-Ftehim Qafas anness mad-Direttiva 1999/70/KE<sup>(1)</sup> għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi leġiżlazzjoni bħal dik deskritta li tippermetti li jitnaqqas il-ħin tax-xogħol ta' persuna minħabba s-sempliċi fatt li hija membru tal-personal mhux permanenti?

Fil-każ ta' risposta affermattiva:

Tista' titqies bħala raġuni oġġettiva li tiġġustifika din id-differenza fit-trattament is-sitwazzjoni ekonomika li tagħmel neċċessarja l-limitazzjoni tal-ispejjeż li tirriżulta mit-tnaqqis tal-krediti tal-baġit?

Tista' titqies bħala raġuni oġġettiva li tiġġustifika din id-differenza fit-trattament s-setgħa ta' awto-organizzazzjoni tal-amministrazzjoni?

- 2) Il-Klawżola 4 tal-Ftehim Qafas anness mad-Direttiva 1999/70/KE għandha tiġi interpretata fis-sens [li] s-setgħa ta' awto-organizzazzjoni tal-amministrazzjoni hija dejjem u fi kwalunkwe każ limitata mill-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni tal-ħaddiema fis-servizz tagħha, indipendentement mill-klassifikazzjoni tagħhom bħala uffiċjal, membru tal-personal mhux permanenti, personal awżiżjarju jew temporanju?

- 3) Jistgħu jitqies kuntrarji għall-klawżola 4 tal-Ftehim Qafas anness mad-Direttiva 1999/70/KE l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-punt 3 tat-tieni dispożizzjoni addizzjonali tal-Ley orgánica 4/2007, de 12 de abril, por la que se modifica la ley orgánica 6/2001, de 21 de diciembre, de universidades (liġi organika Nru 4/2007, tat-12 ta' April 2007, li temenda l-ġiġi organika 6/2001, tal-21 ta' Diċembru 2001, dwar l-universitajiet), [intitolata “] Il-korp tal-għalliema f'istitut universitarju [IUT] u l-integrazzjoni tal-membri tagħhom fil-korp tal-professuri universitarji [”], sa fejn jiippermetti li fil-proċeduri ta' aċċess ta' għalliema [uffiċjal] fi-IUT [fil-] korp tal-professuri universitarji, l-imsemmija għalliema jżommu d-drittijiet kollha tagħhom u l-intitolament sħiħ tagħhom għall-prattika tat-tagħlim, minkejja li dawn ma jkollhomx it-titolu ta' d-duttur, li ma huwiex il-każ għall-għalliema fi-IUT irreklutati bħala membri tal-personal mhux permanenti?

- 4) Sa fejn l-assenza ta' pussess ta' dottorat hija l-ġustifikazzjoni oġġettiva allegata għat-tnaqqis b'50 % tal-ħin tax-xogħol tal-għalliema f'IUT irrekklutati bħala membri tal-persunal mhux permanenti, meta din il-miżura madankollu ma hijiex applikata għall-għalliema uffiċjali f'IUT li lanqas huma madankollu ma għandhom dan id-dottorat, jista' jitqies li din il-miżura hija diskriminatorja u tmur kontra l-klawżola 4 tal-Ftehim Qafas anness mad-Direttiva 1999/70/KE?

<sup>(1)</sup> Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE, tat-28 ta' Ġunju 1999, dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss [żmien determinat] konkuż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. , p. 368).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour d'appel de Mons (il-Belġju) fit-8 ta' Awwissu  
2016 – Immo Chiaradia SPRL vs L-Istat Belġjan**

**(Kawża C-444/16)**

(2016/C 410/05)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Cour d'appel de Mons

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Immo Chiaradia SPRL

Konvenut: L-Istat Belġjan

**Domanda preliminari**

Huwa kompatibbli mar-regoli rigward il-karta tal-bilanċ previsti fir-Raba' Direttiva tal-Kunsill, tal-25 ta' Lulju 1978, ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpanniji (Direttiva 78/660/KEE, ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 21), regoli li jipprovdli li:

- il-kontijiet annwali għandhom jagħtu stampa vera tal-attiv, tal-pożizzjoni finanzjarja u tal-qligħ jew telf tal-kumpannija (Artikolu 2(3) tad-Direttiva);
- il-provvedimenti għal passiv u spejjeż huma maħsuba biex ikopru telf jew djun li n-natura tagħhom hija mfissra b'mod ċar u li fid-data tal-karta tal-bilanċ jidher li jew aktarx li għandhom isiru, jew hemm ġertezza li għandhom isiru iżda mhux fir-rigward tal-ammont tagħlhom jew id-data li fiha huma ser iseħħu (Artikolu 20(1) tad-Direttiva);
- il-prinċipju ta' prudenza għandu fi kwalunkwe każ jiġi osservat u b'mod partikolari:
  - profitti biss magħmulu fid-data tal-karta tal-bilanċ jistgħu jkunu magħduda;
  - għandu jittieħed kont tal-passiv kollu tal-futur qrib u telf potenzjali li jinħolqu fil-kors tas-sena finanzjarja kkonċernata jew ta' waħda ta' qabel, anki jekk dawn il-passiv jew telf isiru evidenti biss bejn id-data tal-karta tal-bilanċ u d-data li fiha titfassal (Artikolu 31(1)(c)(aa) u (bb) tad-Direttiva);
  - għandu jittieħed kont tad-dħul u l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mas-sena finanzjarja, irrisspettivament mid-data ta' meta dawn id-dħul jew spejjeż ikunu riċevuti jew imħallsa (Artikolu 31(1)(d) tad-Direttiva);
  - il-komponenti ta' entraturi tal-attiv u l-passiv għandhom jiġu vvalutati separatament (Artikolu 31(1)(e) tad-Direttiva);